MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 7/1996/1

Joseph Xerri .

vs

Anthony u Mary Sultana .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' mija u erbgha u disghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm194.38c) rapprezentanti bilanc minn xoghol ta' gebel maghmul minnu fuq inkarigu tal-konjugi Sultana .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja spedita fl-1 ta' Dicembru, 1995 u tal-ittra ufficjali spedita f'Jannar 1996 .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw li jhallsu lill-attur il-bilanc tal-hlas mitlub minghandhom izda mill-ammont pretiz iridu jitnaqqsu l-ispejjez tal-hsarat li gew ikkagunati mill-attur fil-linfa tal-istrass li l-konvenuti ghandhom fil-kaxxa tat-tarag tad-dar taghhom li ntlaqtet mill-attur waqt li kien tiela' t-tarag b'xi gebel fuq spallejh ghal fuq il-bejt tad-dar tal-konvenuti meta kien qieghed jaghmel il-balustradi tal-galleriji fid-dar taghhom ;

2. Illi minkejja li l-attur accetta li jhallas l-ispejjez tat-tiswija tal-hsarat minnu kkagunati huwa baqa' resaqx ghal likwidazzjoni u hlas ta' l-ispejjez .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn, wara li ppremettew :

Illi waqt li l-attur Joseph Xerri kien qieghed jaghmel xoghlijiet fid-dar tal-konvenuti, huwa laqat il-linfa tal-istrass li l-konvenuti ghandhom fil-kaxxa tat-tarag tad-dar taghhom waqt li kien tiela' b'xi gebel fuq spallejh mit-tarag ghal fuq il-bejt ;

Illi l-attur Joseph Xerri ghadu sal-lum ma resaqx ghall-likwidazzjoni u hlas ta' l-ispejjez minnu kkagunati minkejja li accetta r-responsabbilita' tal-hsarat ;

Talbu lill-attur jghid ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-konvenuti l-ispejjez tal-hsarat li gew minnu ikkagunati fil-linfa tal-istrass, liema hsarat ma jeccedux il-mija u hamsin lira maltin (Lm150) .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghal din il-kontro-talba fejn eccepixxa :

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuti hija proceduralment skorretta u ghal hekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti .

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju zgur li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-attur . Infatti kienet proprju l-konvenuta li inizjalment stqarret li ma tridx hlas ghall-hsara sofferta minnha imbaghad talbet reduzzjoni fil-kont tal-attur ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15) u dan wkoll gie accettat mill-attur u wara bdiet issostni li zewgha kellu jigi mill-Istati Uniti bil-kont tal-hsara u kellha tinforma hi lill-attur u lill-avukat sottoskritt l-ammontanti tieghu .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti l-hlas ghal xoghol fil-gebel li huwa ghamel fir-residenza taghhom . Dan l-ammont mhux qed jigi kontestat u nfatti l-konvenuti jammettu illi ghandhom jaghtuh is-somma mitluba fl-Avviz . Jghidu wkoll pero' illi huma naqsu li jhallsu dak li kien dovut lill-attur peress illi dan kien ghamlilhom hsara f'linfa tal-kristall li ghandhom fil-kaxxa tat-tarag tad-dar taghhom[1], meta laqatha waqt li kien tiela' t-tarag bil-gebel fuq spaltu . Infatti l-konvenuti ghamlu wkoll il-kontro-talba taghhom sabiex jithallsu ghad-danni kkagunati f'din il-linfa . L-attur da parti tieghu lanqas m'hu jichad illi huwa tassew laqghat il-linfa waqt li kien fuq xoghol ghand il-konvenuti u li kien anke ppreparat ihallas ghall-hsara li kien ghamel . Li huwa kontestat bejn il-partijiet huwa semplicement l-ammont ta' danni kkagunati .

L-attur, korroborat minn huh Michael, li kien qed jghinu f'dan ix-xoghol, isostni illi huwa kemm kemm hakk mal-

[1] Ara ritratti AS. 1 u AS. 2 esebiti a fol. 53, 54 tal-process .

linfa bil-pala ta' idu, nqalghu xi tliet *prisms* minn posthom u waqghu fl-art u nkisru . Il-konvenuti minn naha l-ohra jinsistu li kien hemm hafna aktar hsara minn hekk . Infatti fil-kors tas-smiegh tal-kawza esebew kopji ta' ircevuta u kont rilaxxjati minn hanut fi New York minn fejn jghidu li xtarw il-*parts* mehtiega sabiex jinbidlu l-*prisms* miksura[2] . Dawn id-dokumenti jindikaw hlas ta' $487.13 ghal ammont mhux specifikat ta' "*strass prisms*" . Dan huwa l-ammont li l-konvenuti jidher illi qed jippretendu bhala danni fil-linfa taghhom .

Din il-Qorti pero' qed issibha difficli ferm temmen illi l-konvenuti tassew sofrew danni f'dan l-ammont bl-incident ta' meta l-attur laqtilhom il-linfa fid-dar taghhom . Mistoqsija ripetutament, anke mill-Qorti stess, kemm kienu attwalment il-*parts* miksura u li nhtiegu jinbidlu, il-konvenuti, jew ippruvaw jevitaw li jwiegbu jew kienu generici u vagi wisq . Il-konvenut darba qal li kien hemm bejn mitejn u hamsin u tlett mitt bicca miksura . Darba ohra qal li kien hemm ma' l-erba' mija . Martu qalet li kien hemm hafna, imma ma tafx kemm . Mistoqsija kienux aktar minn ghaxra wiegbet semplicement "iva" .

Anke dwar il-prezz jidher illi kien hemm diskrepanza kbira bejn dak li qalet il-konvenuta u dak li semma zewgha . Infatti filwaqt illi l-konvenuta semmiet illi meta saqsiet ghand Grech Central Store tar-Rabat li jbieghu il-linef, talabha hames liri ghal kull bicca ghal kristalli ta' kwalita' inferjuri ghall-linfa taghhom . Imbaghad il-konvenut spjega illi jikkalkula illi l-Amerika kien hallas biss xi haga aktar minn dollaru ghal kull bicca .

Hemm ukoll il-konsistenza tal-hsara kkagunata . L-attur isostni illi kemm kemm mess mal-linfa bil-pala ta' idu, waqt illi kien tiela' t-tarag b'kantun fuq spaltu . Il-konvenuti jinsistu illi ghamlilhom ferm aktar hsara tant illi ghawwgilhom ukoll wiehed mic-criki tal-bronz li jiffurmaw il-qafas tal-linfa . Wara li rat ir-ritratti esebiti mill-konvenuti stess tal-pozizzjoni tal-linfa *de quo* b'relazzjoni mat-tarag fid-dar taghhom,[3] mehud in konsisderazzjoni illi fuq dawk

---

[2] Dok. AS. 3 a fol. 55 .
[3] ara dokti AS. 3 u As. 4 a fol. 111, 112 u MS. 1 a fol. 94 .

ir-ritratti jidher il-konvenut meta l-attur huwa xi tliet pulzieri iqsar, tenut kont ukoll illi bil-kantun fuq spaltu lanqas seta' joqghod dritt daqs kemm jidher il-konvenut u certament ma setghax garr il-*hood* tal-cumnija f'bicca wahda[4], kif donnhom iriduna nemmnu l-konvenuti, ma jistghax ikun illi seta' jaghmel dik il-hsara kollha li qed isemmu l-konvenuti .

F'tali cirkostanzi l-Qorti thoss illi, fin-nuqqas ta' prova konkreta tal-hsara attwalment kkagunata, ghalkemm huwa ammess illi xi hsara fil-linfa kien hemm, huwa d-dover taghha li tiffissa hi *arbitrio boni viri* somma li ghandha taghmel tajjeb ghall-hsara li setghet giet ikkagunata . Fil-fehma taghha jidhrilha illi somma ta' hamsin lira maltija (Lm50) ghandha tkun adegwata ghal dan il-fini .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi :

1. fl-ewwel lok tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mija erba' u disghin lira maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm194.38) ndikata fl-Avviz ghax-xoghol ta' gebel li dan ghamel fuq inkarigu tal-konvenuti, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja ta' l-1 ta' Dicembru 1995 u dik ufficcjali ta' Jannar 1996 kontra l-istess konvenuti ; u
2. tipprovdi dwar il-kontro-talba billi tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-hsarat ikkagunati fil-linfa tal-konvenuti, tillikwida din il-hsara fis-somma ta' hamsin lira maltija (Lm50) u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti din is-somma; bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba jinqasmu bejn il-kontendenti.

S796Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] ara dokti. AS. 1 u AS. 2 a fol. 109, 110 minn fejn jirrizulta illi din il-hood hija twila 22 pulzier b'22 pulzier wiesa .